KUNSILL LOKALI

**MOSTA**

LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 18 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 24 ta' Jannar 2013 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.55 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.35 p.m | 10.45 p.m |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30 p.m | 10.45 p.m |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.50 p.m | 10.45 p.m |
| Kunsillier Abraham Bezzina | Assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | Assenti | |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.30 p.m | 10.45 p.m |
| Kunsillier Kirby Fenech | Assenti | |
| Kunsillier James Cassar | 8.15 p.m | 10.45 p.m |
| Kunsillier Keith Cassar | 8.00 p.m | 10.45 p.m |
| Kunsillier David Meilak | 7.55 p.m | 10.45 p.m |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.35 p.m | 10.45 p.m |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 16- 27 ta' Diċembru 2012 u Nru 17- 17 ta' Jannar 2013**

Il-Minuti tal-Laqgħat Numru 16 u 17 li saru fis-27 ta' Diċembru 2012 u 17 ta' Jannar 2013 rispettivament ittieħdu bħala moqrija għaliex ntbgħatu qabel u dawn ġew approvati unanimament mingħajr ebda' korrezzjoni.

**2.00 (A) Punti Imqajjma mill-Minuti tal-Laqgha Numru 16**

**Dwar item 2.06** – Talba għal *One Way* Triq il-Barrieri u Triq ir-Rebbiegħa – Saret Laqgħa fuq il-post mas-Sur Josie Brincat ta' TM. Ġie deċiż li għandu jsir *Consultation Meeting* mar-residenti qabel ma din it-talba tiġi kkunsidrata minn TM.

**2.00 (B) Punti Imqajjma mill-Minuti tal-Laqgha Numru 17**

**Dwar item 1.01** – Diversi talbiet għall-kumpens ta' ħsarat fuq karozzi minħabba l-istat tat-toroq – Saret laqgħa mas-Supretendent Sammut fejn dan ikkonferma li ma kienx possibli li jmur Pulizija fuq il-post fuq każi bħal dawn fejn ma jkunx hemm korriment ta' persuni.

Ġie deċiż unanimament mill-Kunsill li min jagħmel talba għall-kumpens jiġi mitlub jippreżenta affidavit, ġuramentat sabiex ikun jista' jsir il-pagament. Dan minbarra rapport tal-Pulizija, rċevuti u dokumentazzjoni oħra li tkun relevanti mal-każ.

Waqt din il-laqgħa mas-Supretendent Sammut ittieħdet ukoll l-okkażżjoni sabiex jiġi diskuss il-każ ta' annimali mejtin li qed jinstabu msallba u mdendlin f'diversi nħawi tal-Mosta.

**Dwar item 1.04** – Grawnd tal-Għajba – Il-Kunsillier Keith Cassar iddikjara li ma nstabux l-ebda dokumenti li juru li qatt saret xi devoluzzjoni uffiċċjali tal-Grawnd tal-Lgħajba lill-Kunsill Lokali tal-Mosta. Il-Kunsill iddeċieda li jkompli bl-iffirmar tal-ftehim mad-Diriġenti tal-Mosta Futbol Klabb. Il-Kunsill iddeċieda wkoll b'mod unanimu li l-bilanċ pendenti ta' €4,658.75 (Account 0206 fil-kotba tal-Kunsill) jiġu *written off* għaliex kien jidher ċar li dan l-ammont ma jistax jinġabar.

## 3.0 Materji Finanzjarji

### a) Performance Bonus –Staff & Acting Executive Secretary

Is-Sindku talbet li jiġi deċiż il-*performance bonus* għas-sena 2012 għall-impjegati tal-Kunsill; is-Sinjura Nadia Micallef Camilleri, Is-Sur Chris Camilleri, s-Sinjura Lorraine Zammit Tabone, s-Sinjorina Rita Galea u s-Sinjorina Candice Zarb; kif ukoll għall-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur John J. Camilleri. Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li jingħata il-massimu ta' 6% lill-impjegati u l-massimu ta 10% lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv .

Is-Sindku ġiet awtorizzata tibgħat *appraisal report* tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur.

### (b) Lista tal-pagamenti

Ġiet approvata unanimament lista ta' pagamenti Nru: 9 għal-ammont ta' €94,564.88 kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

### c) Lista ta Works Orders

Il-lista ta' *works orders* ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

### d) Lista tal-Purchase Orders

Il-lista ta' *purchase orders* ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

### e) Pagamenti lil Perit u lill-Kuntrattur dwar Triq il-Feniċi

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rikjesta għall-pagamenti mill-Kuntratturi V & C Contractors Ltd u mill-Perit tal-Kunsill Charles Buhagiar fuq xogħol ta' resurfacing li sar fi Triq il-Feniċi fiż-żona ta' Santa Margerita .

Is-Sindku Dr. Shirley Farrugia ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li dan ix-xogħol qatt ma kien approvat mill-Kunsill preċedenti u għalkemm kien xogħol ta natura urġenti, l-Kunsill ma ntalabx jirratifika d-deċiżjoni sabiex issir dan ix-xogħol l-anqas wara li sar ix-xogħol. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal iżda li kienet inħarġet *works order* mis-Sindku u L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta dak iż-żmien u għalhekk il-Kuntrattur u l-perit għandhom dritt għal pagament għaliex kellhom f'idejhom *works order* iffirmata mill-ufficċjali tal-Kunsill. Jekk kien hemm xi tort dan ma kienx tal-kuntrattur u l-perit iżda ta l-ufficċjali tal-Kunsill ta dak ż-żmien.

Il-Kunsill qabel li la darba dan ix-xogħol kien iċċertifikat mill-Perit għandhom jitħallsu il-kontijiet relatati ma dan ix-xogħol kif ġej: €27424.66 lill-V&C Contractors Ltd u €837.17 lill-Med Design Associates.

**4.00 Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata lista ta żewġ korrispondenzi kif ġej:

4.01 Ittra mingħand is-Sinjura Lina Deguara, headmistress tal-iskola Lily of the Valley dwar manutenzjoni tal-pitch iż-żgħir ta' maġenb l-iskola. Ġie deċiż li ssir laqgħa mas-Sinjura Lina Deguara sabiex jiġi diskuss dan s-suġġett.

4.02 Ittra mingħand residenti tal-Bidnija dwar applikazjoni lil MEPA sabiex tinbena Winery. Il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona mal-MEPA dwar din l-applikazjoni.

**5.00 Tat-Targa Battery – Contract Land Departmnet.**

Is-Sindku infurmat li l-kuntratt li kien ġie iffirmat mal-Lands Department kien jgħid li dan il-post għandu jintuża kemm mill-Iscouts kif ukoll minn entitajiet oħra li jiddeċiedi l-Kunsill. Kien hemm imposta kera ta' €6,900 fis-sena u kien hemm diversi kundizzjonijiet dwar restawr tal-post u t-tmexxija tiegħu kienet responsabilita tal-Kunsill.

Kien jidher li hemm diżgwid fl-interpretazjoni ta' dan il-kuntratt minn naħa tal-Iscouts għaliex dawn kienu qed jinsistu li huma jkollhom użu tal-post kollu u riedu wkoll li jkunu huma li jmexxu l-post.

Is-Sindku qalet li dan kien lok importanti u kellu bżonn bosta restawr. Kien post li għandu valur storiku għalhekk hija kienet qed tipproponi li jinħatar kumitat tat-tmexxija li jieħu ħsieb d-diversi postijiet fil-lokalita' tal-Mosta u li jara kif u mingħandu juża dawn il-postijiet.

Sar qbil unanimu dwar din il-proposta u l-Viċi Sindku s-Sur Joe Demartino inħatar bħala Chairperson ta' dan il-kumitat. Huwa intalab jaħtar persuni adatti sabiex jifformaw parti minn dan il-kumitat. Il-Kunsillier Mario Sammut ġie wkoll appuntat bħala membru fuq dan il-kumitat.

Dwar l-Iscouts, s-Sindku qalet li għandha ssir laqgħa mal-Lands Department sabiex jiġu diskussi d-diverġenzi li jeżistu dwar l-interpretazzjoni tal-ftehim.

**6.00 Awarding of Tenders.**

6.01 **Resurfacing of Roads PPP2** – Ġew ippreżentati kopji ta' żewġ *Evaluation Reports* li saru mill-Perit Maurice Galea, kif ukoll r-rakkomandazzjoni tat-*Tenders Adjudicating Committee* li kien qed jirrakkomanda li dan it-Tender jingħata lil-DP Road Construction Ltd.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-tender għandu jingħata lil DP Road Construction Ltd.

6.02 **Project Manager for PPP 2**. - Ġew ippreżentati kopji tal-*Evaluation Report* tal-Perit Maurice Galea kif ukoll r-rapport tat-*Tenders Adjudicating Committee* u l-Kunsill qabel unanimament li dan it-tender għandu jingħata lil Perit Joseph Attard bil-prezz ta 0.59% skond r-rakkomandazzjoni tal-kumitat.

6.03 **Embellishment of Playing Field Grognet de Vasse (Blata l-Għolja)**

Ġie ippreżentat r-rapport tat-*Tenders Adjudicating Committee* li kien jirrakkomanda li dan t-tender jingħata lil-JGC Ltd li kellhom l-irħas proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li t-Tender jingħata lil JGC Ltd.

**7.00 Affarijiet Oħra.**

7.01 Il-Viċi Sindku s-Sur Joe Demartino talab u ġie approvat unanimament li titwaħħal plakka kommemorativa mad-dar fi Triq Ponsomby li fiha kien joqgħod Lorenzo Attard. Is-Sur Lorenzo Attard kien ingħata 'Ġieħ il-Mosta' minn dan il-Kunsill.

7.02 Is-Sur Demartino semma wkoll li fil-passat kien hemm proposta li Triq San Silvestru u Triq t-Torri jsiru one-way iżda l-Perit Audrey Testaferrata De Noto ta' Transport Malta kienet oġġezzjonat għal dan. Is-Sindku qalet li kien hemm problem tat-traffiku f'din ż-żona u kien hemm bżonn issir din il-one-way.

7.03 Is-Sindku talbet u ġie approvat unanimament l-ftehim dwar l-Artistic Dialogue Project mal-istudenti tal-MCAST ta' Targa Gap. Ġie deċiż li jiġu diskussi l-ispejjes involuti qabel isir dan il-proġett.

7.04 Is-Sindku talbet u ġie approvat unanimament li EMDP jingħataw t-tender ta' periti tal-proġett Archeotour. Dan wara li saret re-evaluation b'ordni tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq oġġezzjoni li kien ippreżenta EMDP.

**8.0 Aġġornament**

Laqgħa ġiet aggornata fil-10.45 ta' filgħaxija. Ma ġietx deċiża data għal-laqgħa li jmiss.

Dott Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv